repubblika

A CIVIL SOCIETY MOVEMENT

**Onor Byron Camilleri**
Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza

13 ta' Mejju 2022

Onorevoli Ministru,

Nhar it-Tnejn li għadda bgħattlek ittra f'isem Repubblika dwar post li permezz tiegħu d-Direttur għall-Istudji tal-Akkademja għall-Forzi Dixxiplinati ħeġġeġ lin-nies jitfgħu bajd u tadam lil grupp ta' membri parlamentari.

Sal-lum għadna ma rċevejna xejn mingħandek: la acknowledgement u wisq anqas risposta.

Minbarra l-korteżija ta' acknowledgement, aħna nistennew li tinfurmana bil-passi li ser tieħu dwar imġieba bħal din minn uffiċjal għoli responsabbli mit-taħriġ tal-pulizija, tas-suldati u ta' membri ta' forzi dixxiplinati oħra.

Il-każijiet ta' dawn l-aħħar snin dwar nuqqasijiet gravi mill-Korp tal-Pulizija, inkluż storja gravi oħra li ħarġet fil-Qorti f'dawn il-jiem, iwassluna biex ninkewtaw aktar kemm għall-fatt li jiġru inċidenti bħal din il-post, kif ukoll għaliex jidher li dawn huma aċċettabli għall-Gvern.

Il-fatt li l-Gvern jibqa' sieket u li ma jieħu l-ebda pass konkret f'dan ir-rigward ifisser li int ma tara xejn ħażin li min iħarreġ lill-forzi dixxiplinati ta' pajjiżna jħeġġeġ biex ikunu insultati membri parlamentari għall-ebda raġuni ħlief għall-fatt li huma membri ta' partit politiku partikolari.

Jidhrilna li int, bħala ministru responsabbli għas-sigurtà għandek responsabiltà partikolari quddiem imġieba bħal din.

Inselli għalik,

**Dr Robert Aquilina**
President

29, Pjazza tal-Knisja, Mqabba MQB1011
contact@repubblika.org